# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tlieta, 4 ta' Gunju, 2002**

**Appell Nru 39/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ivan (John) Felice**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ivan (John) Felice talli (**1**) fil-Hamrun fid-9 ta' Jannar, 2001, ezattament fil-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, attakka jew ghamel resistenza, bi vjolenza jew b'hebb, ingurja, hedded u ghamel offiza fuq, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` P.C. 5 Eugenio Fenech, waqt li dan kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, u dan bi ksur tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll talli (**2**) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, u hebb ghal persuna (Tania Felice) sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara, u dan bi ksur tal-Artikoli 338(dd), 338(ee) u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Frar, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Ivan (John) Felice hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hames mitt lira (Lm500);

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Ivan (John) Felice, minnu ppresentat fl-20 ta' Frar, 2002 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tda-19 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tad-19 ta’ April, 2002 l-appellant, permezz tad-difensur tieghu l-Avukat Dott. Edward Gatt,  irtira l-ewwel aggravju fir-rikors ta’ appell tieghu, u cioe` l-aggravju fl-paragrafu mmarkat bin-numru (1), izda zamm ferm it-tieni aggravju, u cioe` dak dwar il-piena. Ghalhekk l-appell illum hu limitat ghall-piena.

L-aggravju ta’ l-appellant (dwar il-piena) hu migjub f’dawn it-termini:

> **Illi l-piena nflitta ta’ hames mitt lira multa (Lm500) hija wahda harxa wisq u esagerata meta wiehed iqis l-istat ta’ rabja li l-esponent kien fih meta ra li ibnu kien mimli tbengil u li kien qed jinzamm fi stat hazin minn ommu, mart l-esponent. Dan kollu sehh fi sfond tas-sitwazzjoni li fiha tinsab ir-relazzjoni matrimonjali tal-esponent u l-mara tieghu.**

Mill-kumpless tal-provi jirrisulta li l-incident li ta lok ghad-diversi imputazzjonijiet sehh wara li mart l-appellant waslet fil-Ghassa tal-Pulizija biex tiehu lura t-tifel li kien ghand l-appellant. Peress li s-surgent irrealizza li bejn l-appellant u martu setghu jqumu xi incidenti, huwa ordna lill-appellant biex johrog barra mill-Ghassa. Ghall-bidu l-appellant hekk ghamel, ghalkemm baqa’ jargumenta ma’ martu mit-tieqa ta’ l-istess ghassa. Ghal aktar minn darba huwa pprova jidhol fl-Ghassa biex ihebb ghal martu. Fl-ahhar, bl-uza ta’ ftit aktar sahha minn qabel, huwa rega’ ta s-salt biex jidhol u kif il-Kuntistabbli Eugenio Fenech ipprova jzommu – kif kellu l-ordnijiet minghand is-surgent biex jaghmel u anke biex jipprotegi lil mart l-appellant (li kellha maghha t-tifel) – l-appellant u Fenech spiccaw fl-art. L-appellant baqa’ jirrezisti b’*vie di fatto*, tant li kellhom jintervjenu s-surgent kif ukoll kuntistabbli mara biex irazznuh, u eventwalment sakkruh fic-cella. Wara li kkalma, hallweh imur id-dar.

Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem irriteniet li r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom – <u>ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi</u>, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta’ dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta’ prigunerija. Irrabjat kemm kien irrabjat l-apellant, jew anke jekk kien genwinament inkwetat dwar ibnu minhabba li ra xi tbengil fuq il-persuna tieghu, taht ebda cirkostanza ma jista’ jigi skuzat ghal dak li ghamel. L-inkolumita` fizika tal-pulizija m’ghandiex tigi perikolata semplicement ghax dak li jkun ikun irrabjat, inkwetat jew ghax taqbilzu c-cinga! F’dan il-kaz, ghalhekk, il-piena kellha tkun dik ta’ prigunerija minn minimu ta’ erba’ xhur sa massimu ta’ sena. L-

ewwel qorti, pero`, jidher li ghazlet li tinzel taht il-minimu stabbilit fl-Artikolu 96(a) u applikat il-piena tal-multa, ghalkemm fis-sentenza la jissemma l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u anqas jissemmew xi ragunijiet specjali u straordinarji kif jirrikjedi l-imsemmi Artikolu 21. Il-prosekuzzjoni ma appellatx f'dan ir-rigward.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Dak li, frankament, jippreokkupa lil din il-Qorti hija l-allegazzjoni ta' l-appellant, maghmula fir-rikors tieghu, li b'xi mod ibnu Niko mhux qed jinghata l-kura u l-attenzjoni mehtiega. S'intendi, din il-Qorti mhix il-qorti kompetenti biex tindaga f'dan ir-rigward; u mill-kumpless tal-provi jidher li kemm l-appellant kif ukoll martu diga rrikorrew jew quddiem is-Sekond' Awla jew quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tipprovdi kif infraskritt.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja ghal kull azzjoni li l-istess Direttur jidhirlu xieraq fir-rigward tal-minuri msemmi f'din is-sentenza.

A. Testone
Deputat Registratur